

# Kwadru ta' San Pawl fil-Knisja Arċipretali taż-Żejtun

Kitba ta' Mario Fenech



Wieħed mill-kwadri li hemm fil-Knisja Arċipretali ta' Santa Katerina fiż-Żejtun huwa dak li fih l-artist Michele Busuttil pinġa x-xena tal-Magħmudija ta' San Publiju minn San Pawl meta dan kien f'Malta wara n-nawfraġju tiegħu.

L-Artist Michele Busuttil huwa magħruf sew fil-Gżejjer Maltin għan-numru kbir ta' kwadri li pinġa fil-knejjes ta' Malta u Għawdex.

Fost dawn il-kwadri wieħed isemmi l-Kwadru Titulari ta' Marija Assunata fil-Katidral ta' Għawdex, il-Kwadru Titulari tal-Knisja Parrokkjali ta' Santa Marija f'Ħad-Dingli, il-Kwadru tal-Aħħar Ċena fil-Kolleġġjata ta' San Lawrenz fil-Birgu, u l-Kwadri tal-Istazzjonijiet tal-*Via Sagra* fil-Knisja Arċipretali ta' Santa Marija fiż-Żebbuġ Għawdex u fil-Knisja Parrokkjali tal-Lunzjata ta' Ħal Tarxien.

L-artist Busuttil twieled iż-Żejtun fis-sena 1762. Hu tgħallem l-arti għand l-artist Rokku Buhagiar u f'Ruma fl-*Accademia di San Luca*. Kien għamel xi żmien joqgħod Għawdex, iżda għex l-aħħar snin ta' ħajtu fil-Belt Valletta fejn miet fis-sena 1831.



Dan il-Kwadru tal-Knisja Arċipretali taż-Żejtun, li l-abbozz tiegħu jinsab fil-mużew tal-istess knisja, huwa xogħol tajjeb ħafna fejn l-artist pinġa lil San Pawl bilwieqfa fil-parti ċentrali tat-tila, bil-bieqja f'idu qiegħed jgħammed lil San Publiju li qiegħed għarkupptejh fl-art b'idejh it-tnejn ma' xulxin, b'rasu baxxuta b'sinjal ta' qima lejn dak li wassal il-kelma ta' Alla fuq din l-art Maltija.

Fuq in-naħa l-oħra tax-xellug tal-kwadru nsibu tifel ċkejken qiegħed iżomm friskatur bl-ilma, u numru ta' persuni oħrajn li qegħdin jassistu għal din il-ġrajja importanti fuq in-naħa tal-lemin tat-tila. Waħda min-nisa qiegħda żżomm gandlier b'xemgħa mixgħula, fil-waqt li fin-nofs tal-parti ta' fuq tat-tila x-Xbieha tal-Ispirtu s-Santu fil-forma ta' Ħamiema bajda qiegħed jixħet il-barka tiegħu fuq dak li qed iseħħ.

Fuq ix-xellug, fil-parti ta' fuq tat-tila, l-artist pinġa żewġ anġli f'xena ta' glorja qegħdin iżommu wieħed il-Baklu u l-ieħor il-Mitra – żewġ simboli li jirrappreżentaw il-kariga ta' Isqof. Dan, l-artist għamlu biex jurina li dak li qiegħed jirċievi l-magħmudija kellu jkun l-ewwel Isqof ta' Malta.

Dan il-kwadru huwa wieħed minn lista sħiħa ta' xogħlijiet sbieħ li għandna bix-xbieha ta' Missierna San Pawl fil-Gżejjer Maltin.

Il-festa t-tajba lil kulħadd.